2024. M167 2024L557A1EL

Coimisiún na Scrúduithe Stáit

*State Examinations Commission*

# LEAVING CERTIFICATE EXAMINATION, 2024

# MALTESE

## HIGHER LEVEL

**Monday, 17 June**
**09:30 - 12:30**

**Wieġeb bil-Malti, it-taqsimiet kollha: l-Ewwel Taqsima, t-Tieni Taqsima u t-Tielet Taqsima.**
**It-tweġibiet kollha għandhom jinkitbu bil-Malti.** **Massimu 100 marka**

**L-Ewwel Taqsima** **(30 marka)**

**Aqra din is-silta b'attenzjoni u wieġeb is-sitt mistoqsijiet li hemm warajha.**
**Ikteb it-tweġibiet kollha fi kliemek u evita li tikkopja frażijiet jew sentenzi mis-silta**

**Minn xibka mormija fil-baħar għal libsa fil-*Malta Fashion Week***

Rachael Bartolo tagħmel id-debutt tagħha fil-*Malta Fashion Week* tal-2023. Iżda min hi din id-disinjatriċi żagħżugħa u għaliex għażlet materjal miġbur mill-NGO tar-riċiklaġġ magħrufa bħala 'Żibel'?

Ħafna drabi meta naħsbu f'affarjiet irriċiklati moħħna jmur għal xi karta jew plastik li jiġu trasformati f'oġġetti oħra, iżda r-riċiklaġġ għal Rachael Bartolo ħa tifsira oħra. F'din l-edizzjoni ta' *Malta Fashion Week*, id-disinjatriċi u ħajjata żagħżugħa Rachael Bartolo għamlet id-debutt tagħha wara snin taħdem minn wara l-kwinti.

Bartolo qalet li l-arti dejjem ienet il-passjoni tagħha bid-differenza li darba, waqt ġurnata l-iskola, l-għalliema tal-arti talbithom biex jesperimentaw b'ilbiesi magħmula mill-karti. Il-prodotti finali kellhom jiġu eżebiti f'attività ġol-iskola stess. Minkejja li hi **mdorrija** fid-dinja tal-ħjata, għaliex kemm ommha kif ukoll nannitha minn dejjem kienet tarahom iħitu, din l-attività **nisslet** kurżità ġewwa fiha li wasslitha biex taħdem fid-dinja tal-moda u toħloq arti sostenibbli. Eventwalment, wara li temmet l-istudji tagħha, Rachel sabet opportunitajiet fil-qasam tax-xogħol u hekk ħadmet ma' disinjaturi prominenti fil-gżejjer Maltin. Huma rawmuha u esponewha għad-dinja tal-moda f'Malta.

"Meta kont assistejt lil Carla Grima għall-ewwel *Fashion Week* kelli esperjenza eċċezzjonali. Dak iż-żmien niftakar li kelli eżami l-għada, iżda xorta kont mort għaliex żgur li ma kontx se nitlef din l-esperjenza. Wara dan bqajt naħdem ma' Carla u fil-fatt kont erġajt ħdimt f'*Fashion Week*." Wara l-esperjenza ta' studju fl-Istitut tal-Kultura, Arti, Xjenza u Teknoloġija ta' Malta, hija ħadmet fuq il-midja soċjali u bdiet tiġi afdatha b'numru ta' ħwejjeġ għall-klijenti. Darba fost l-oħrajn, fetħet Tiktok u ġietha l-ispirazzjoni, li wasslitha biex tagħmel id-debutt tagħha bħala disinjatriċi f'din l-isfilata tal-moda.

"L-ispirazzjoni mhux dejjem tiġi meta wieħed jaqbad karta u lapes." Infatti, l-ispirazzjoni ta' Bartolo mhix tas-soltu. Bartolo spjegat kif - "Kont qed nuża Tiktok u rajt filmat tal-NGO Żibel, fejn inġabret xibka mormija fil-baħar. Dak il-ħin lanqas indunajt li din kienet inġabret minn pajjiżna. Allura, ikkuntattjajthom mal-ewwel, għidtilhom li kont interessata li nirriċikla x-xibka."

Minn hemm bdiet il-kollaborazzjoni - marret fuq is-sit u qabdet tpinġi disinni ġodda. Mit-**tħażżiż** tad-disinn sal-isfilata tal-moda għadda żmien mhux ħażin, għaliex dan il-proċess ma kienx wieħed faċli. Dawn il-materjali kienu jirrikjedu li jiġu mnaddfa, separati u eventwalment meħjuta. Bejn ċajta u oħra qaltilna li l-istudjo tagħha kien qisu suq tal-ħut, bir-riħa ta' baħar u ħut li kellha!

Bartolo irnexxielha tagħmel użu minn materjali differenti u dan jinkludi wkoll ħajt irqiq mill-ixbieki. Is-soltu, il-ħajt nużawh biex tħit il-materjali flimkien u mhux ikun il-materjal innifsu u għalhekk mhux xi sorpriża jekk wieħed jibqa' mistgħaġeb dwar kif irnexxielha toħloq ilbiesi sħaħ bihom. Iżda irnexxielha!

**L-isfida** tal-ħajjata ma kienx li ssib riżorsi sostenibbli biss, iżda li tuża l-aktar materjal sostenibbli possibli u dan ifisser li ma użatx żippijiet, għaliex dawn, ħafna drabi jkollhom l-plastik fihom. Barra minn dan, għażlet li tagħmel il-buttuni hi b'idejha b'uħud minnhom b'materjal riċiklat.

Ħaġa tal-iskantament kienet libsa partikolari mimlija qxur tal-arzell. Filwaqt li wħud minn dawn l-arzell kellhom jiġu meħjuta mal-libsa nnifisha, kien hemm oħrajn li kienu diġà mwaħħlin magħha b'mod organiku hekk kif kibru madwar il-ħajt tax-xibka. Wieħed jista' jara li din il-libsa mhix xhieda tal-kreattività u l-kapaċità tad-disinjatriċi biss, iżda wkoll fenomenu impressjonanti tan-natura.

Qalet li din ix-xibka tant impressjonatha li meta ratha fis-sit onlajn ta' Żibel, staqsiet jekk tistax toħodha mal-ewwel, "Dak il-ħin kont diġà qed nimmaġina kif stajt nagħmilha. Kont diġà bdejt naraha kompluta." Intant hi qalet li kellha rispons veru tajjeb. Żiedet li fl-aħħar minn l-aħħar din mhix oppportunità biss biex turi xogħolha iżda wkoll li xxerred il-kelma biex nibżgħu għall-ambjent, ma narmux u biex nirriċilkaw kemm nifilħu.

Hija rrakontat ukoll illi kellha l-opportunità li taħdem ma' *influencers* li jħobbu l-moda bħal Abigail Vick u Lexi Rose May. "Lil hinn mill-ħwejjeġ magħmulin minn materjal riċiklat, jiena nagħmel ħafna ħwejjeġ oħra wkoll u anke dawn intlaqgħu tajjeb mill-pubbliku," kompliet Bartolo.

Hija qalet li bħal kull industrija oħra hemm in-nuqqasijiet u spazju fejn isir titjib iżda temmen li fl-aħħar snin Malta rat qabża kbira. Qalet li pjattaforma bħal *Fashion Week* hija opportunità tajba biex tlaqqa' d-disinjaturi kollha flimkien, fejn juru l-kreattività tagħhom u fl-istess waqt tgħin biex disinjaturi li għadhom qed jibdew fid-dinja tal-moda jesponu **l-ħidma** tagħhom.

"Jiena għadni żgħira u allura d-dinja tal-moda lokali kibret miegħi."

Bartolo spjegat ukoll illi bħalissa qed tiddiskuti ma' Żibel biex tagħmel użu minn materjal ieħor li jintrema u jinġabar minnhom. Barra minn dan, ġiet avviċinata biex tagħmel parti minn sfilata oħra, organizzata speċifikament bil-għan li tippromwovi s-sostennibbiltà.

Apparti minn hekk, għandha numru ta' proġetti oħra, "Mill-bqija, se nħallikom bil-kurżità!" temmet tgħid.

minn **Anthea Cachia**

https://www.illum.com.mt/ahbarijiet/intervisti/68159/minn_xibka_mormija_filbaar_gal_libsa_fmalta_fashion_week_ilmo_wara_tolo

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

**1.** Spjega fi kliemek it-tifsira tal-espressjonijiet li ġejjin: (5 × 1 marki)

a) mdorrija

b) nisslet

c) tħażżiż

d) l-isfida

e) il-ħidma

**2**. Rachel Bartolo kif irnexxielha tkun kreattiva u sostenibbli fl-istess ħin? (5 marki)

**3**. Kif ħejjiet ruħha fil-passat biex issa tista' tiddisinja l-ħwejjeġ tagħha stess? (5 marki)

**4**. X'inhuma l-isfidi li jkolla tħabbat wiċċha magħhom biex tiddisinja ħwejjeġ b'mod sostenibbli? (5 marki)

**5**. *"Ħaġa tal-iskantament kienet libsa partikolari mimlija qxur tal-arzelli."*
Spjega fi kliemek għaliex din il-libsa impressjonat lill-awtur b'dan il-mod? (5 marki)

**6**. X'effetti taħseb li dan l-artiklu jista' jkollu fuq il-qarrejja? (5 marki)

**Taqsima II** **(30 marka)**

**Iddiskuti dan li ġej f'madwar 100 - 150 kelma.**

Kemm hi importanti l-kreattività fil-ħajja tagħna l-bnedmin?

**Taqsima III** **(40 marka)**

**Agħżel mistoqsija waħda minn din it-taqsima u ikteb madwar 300 kelma.**

**1.** "Min jitwieled tond, ma jmutx kwadru," jghid il-proverbju Malti. Kemm taħseb li hu importanti li nsibu dak li nħobbu nagħmlu fil-ħajja u li nagħmluh?

**jew**

**2**. "Aqta' fjura u ibni kamra;
Aqla' siġra u tella' dar;
Imxi metru, ibni villa;
Tinkwetax...dak li sar sar."

Ikteb il-ħsibijiet u l-opinjoni tiegħek f'komponiment ispirat minn dawn il-versi meħudin mill-poeżija ta' Immanuel Mifsud, 'Aqta' fjura u ibni kamra'.